# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 6/2019

23 ta' April, 2019

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-6:15pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi-Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |
| Carlo Stivala | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

6.1 Qarti tal-ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

6 .2 Rapporti
Approvazzjoni tal-Financial Statements 2018

6.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet qed tressaq il-Financial Statements tal-2018 għal approvazzjoni tal-Kunsill u li l-għada kellha tmur bihom għand l-Awdituri sabiex sat-30 ta' April jilħqu jaslu l-NAO. Il-Kunsill approva fil-Financial Statesments 2018.

6.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-ittra ta' Direzzjoni (Management Letter) li nkitbet mill-Udituri dwar nuqqasijiet li nstabu fl-operat tal-Kunsill lil Kunsilliera. Il-Kunsill ddiskuta din l-ittra.

6.3 Skema 4.1 Restawr ta' Assi Artistiċi u Kulturali

Is-Sindku qal li l-Gal Xlokk kienu qiegħdin jitolbu li jiltaqgħu mal-Kunsill sabiex nidentifikaw l-proġett li għalih ser naplikaw taħt skema 4.1. Is-Sindku qal li l-proġett li jrid jagħżel il-Kunsill irid ikun f'post viżibli fuq barra, idealment xi niċċa. Il-Kunsill iddiskuta l-lista ta' prijoritajiet li kien ippreżenta l-kapillan u qabel illi l-ewwel għandna naraw nistgħux nagħmlu l-Antenna u l-koppla tal-Knisja Parrokjali u jekk din ma tkunx possibli allura nipruvaw għan-niċċa li hemm fi Triq San Pawl u s-Salib tad-Dejma ukoll fi Triq San Pawl.

6.4 Ħwejjeġ oħra

6.4 Is-Sindku qal illi persuna talbitu sabiex jużaw il-grawnd tal-futball għal xi sagħtejn bħal drabi oħra. Il-Kunsill qabel illi għandna nħalluh juża l-grawnd.

6.4.2 Is-Sindku qal li kienu kellmuh żewġ studenti tal-universita', li bħala parti mit-teżi tagħhom jixtiequ jagħmlu attivita' relatata max-xjenza. Huwa qal illi din l-attivita' ser tkun fl-apert (jew il-bandli jew fil-grawnd tal-futbal). Is-Sindku kkonferma li għal din l-attivita' l-Kunsill mhux ser ikun involut. Il-Kunsill qabel illi dawn l-istudenti jistgħu jagħmlu din l-attivita'.

6.4.3 Is-Sindku qal li xtaq jagħti update lil Kunsill fuq il-muzew l-antik. Is-Sindku qal illi d-dipartiment tal-anzjani kien għadu favur dan il-proġett, pero' kien hemm xi tibdil fil-persuna li kienet qed tieħu ħsiebu, allura ċertu stimi u dettalji ser jerġgħu jsiru mill-ġdid. Il-Kunsill iddiskuta dan is-suġġett u qablu li l-Kunsill għandu jagħmel pressjoni sabiex in-nies tar-raħal għandhom ikollhom priorita' imma mhux esklussiva.

6.4.3 Il-Viċi Sindku lminta illi l-ħaxix fi Ġnien Sir Alexander Ball kien kiber wisq. Is-Sindku qal minħabba li kienu ser isiru x-xogħolijiet fuq ġewwa tal-Ġnien ma kinux qiegħdin imorru jaqtgħu l-ħaxix regolari u li din il-ġimgħa kellhom jerġgħu jibdew.

6.4.4 Il-Viċi sindku s-Sur Francis Callus daħħal ilment illi l-inspection boxes fil-Proġett tal-Ħlantun kienu ġew mirduma. Is-Sindku qal illi dan ma kienx xogħol li marru jagħmlu l-ħaddiema tagħna u li probabli kienu saru minn xi individwu li jgħaddi minn hemm.

6.4.5 l-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla ressqet talba għal lampa fejn l-aħħar pole int u ħiera lejn B'Buġa fejn għadna kemm ħawwilna s-siġar. Il-Kunsilliera uriet l-lokal lil Kunsill. Il-Kunsill qabel illi għandha ssir din il-lampa.

6.4.6 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li n-naħa ta' Triq il-Kuċċard kienet inħolqot problem kbira ta' parkeġġ u talbet forsi sabiex jiġi biex jitkompla x-xoghol fi Triq il-Kuċċard jitneħħew l-barriers sabiex il-Karozzi jkunu jistgħu jipparkjaw. Is-Sindku qal li x-xogħol għandu jitkompla l-ġimgħa tal-laqgħa u ma qabilx li għandhom jitneħħew il-barriers minħabba l-periklu.

6.4.7 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi persuna viċin tagħha kellha problema li jekk tipparkja l-bowser fil-plot tagħhom, minħabba li l-karozzi pparkjati mhux qed ikun possibli li jdawwar il-bowser biex joħroġ. Hija talbet lill-Kunsill sabiex isiru double yellow lines sabiex ma jsirx parkeġġ li jkun ta' ostaklu għal min irid joħroġ minn din il-plot. Il-Kunsill qabel li jiltaqgħu fuq il-post sabiex naraw sa fejn għandhom jiġu l-linji s-sofor.

6.4.8 Is-Sindku qal illi mill-fondi li kien baqa' mit-18,000 Euros minn naħa tar-Reġjun u l-5,000 Euro li kellna għal bankini, l-Kunsill kien ser jibda' bl-ewwel bankina tiegħu fi Triq il-Ħlantun.

6.5 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-7:30pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 9 ta' Mejju, 2019 fit-5:00pm.

Johan Mula — Doris Baldacchino

Sindku — Segretarju Eżekuttiv